MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 697/2008

**Bank of Valletta Plc (C 2833)**

**Vs**

**Kevin Steer Chetham (ID 417687 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn, tlett mija u erbgha u hamsin ewro u wiehed u erbghin centezmi (€2,354.41) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'*Loan account'* tal-konvenut mas-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti mat-talba, flimkien ma` l-interessi mit-28 ta' Awissu, 2008 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datat 7 ta' Marzu, 2007 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat konteswalment ma` din it-talba.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.
Illi l-konvenut gie mharrek in subizzjoni.

Illi s-socjeta' attrici pprezentat affidavit skond il-ligi mat-talba.

Ra mill-atti li l-konvenut gie notifikat bl-atti.

Illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha li gew ipprezentati f'din il-kawza.

Ra illi fit-12 ta' Jannar, 2009 gie pprezentat Kapitolu mill-Prokuratur Legali Francesca Scerri.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anke ghas-seduta ta` llum.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------